**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 07/16 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| **Data** | 25/07/16 fis-06.30pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Preżenti |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Preżenti |
| | Raymond Caruana | Preżenti |
| | Sean Chircop | Preżenti mis-7.40pm |
| | Stephania Fenech | Preżenti |
| | Joseph Hales | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon<br>Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |
| **Preżenti wkoll** | L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ | Laura Caruana |

**07. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 07. 1. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 06/16 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet: | |
| | 06.2.30 | Minflok '200 sticker', jidħlu l-kliem '2000 paġna b'4000 sticker'. | | |
| 07. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**07. 2. Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 07 2 1 | 06.2.4 | Camilleri: *Traffic Management* Triq il-Qadi | Camilleri staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Hales irraporta li ser issir laqgħa mal-KoptaSin nhar il-Ġimgħa. Jekk ma jinstabx qbil tinħareġ tender. | Hales |
| 07 2 2 | 06.2.16 | Viċi-Sindku: *Accounts* Manuċċa CDCC | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk saritx il-verifika dwar il-bilanċ ta' Eur10,000. Hija talbet li kopja tar-rapporti finanzjarji jinżammu fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sindku ppreżenta kopja tal-bank statement tal-Manuċċa CDCC iżda sosnta li jonqos l-financial statement. Il-Viċi-Sindku talbet sabiex il-Kunsill ikun preżentat kopja ta' l-*audited accounts*. | Sindku<br>Agius |
| 07 2 3 | 06.2.17 | Fenech: *Skatepark* | Fenech infurmat lill-Kunsill li saret spezzjoni mill-MQuip u għamlu l-manutenzjoni meħtieġa. L-MQuip ser iħejju kwotazzjoni għall-*boards* li qed jinqalgħu. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 2 | 4 | 06.2.18 | Fenech: Tender 01/16 | Fenech irrapurtat li it-tender għalqet u intefgħet offerta waħda mingħand 389 Co. Ltd. Ġew ikkuntattjati, ix-xogħol inbeda u wara li qala l-materjal eżistenti, il-Kuntrattur induna li ma kellux materjal biżżejjed. Huwa offra alternattivi iżda l-Kunsill ma aċċettax u qed nistennew li l-Kuntrattur ikun konformi mal-kundizzjonijiet tat-tender. | Fenech |
| 07 | 2 | 5 | 06.2.19 | Fenech: *Aerobics & Nutrition Sessions* | Fenech infurmat li l-*aerobics sessions* qed isiru fi Ġnien San Girgor filwaqt li s-sezzjonijiet nutrittivi qed isiru fil-Kunsill. | Fenech |
| 07 | 2 | 6 | | Fenech: Riħa tad-drenaġġ | Fenech irrapurtat li qed ikun hemm riħa ta' drenaġġ fil-*gym* u tribunal. | |
| 07 | 2 | 7 | 06.2.24 | Viċi-Sindku: Bandli fi Ġnien San Girgor | Is-Segretarjat spjega li ż-żurżieqa bis-*soft surfacing* ġiet ordanta u għandha tasal madwar 3 ġimgħat oħra. | Segretarju Hales |
| 07 | 2 | 8 | 06.2.25 | Caruana: Parkeġġ fi Triq Ġużeppina Curmi | Caruana staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Is-Sindku talab sabiex issir konsultazzjoni mal-Kunsillier Hales. | Hales |
| 07 | 2 | 9 | 06.2.27 | Viċi-Sindku: *Dustbins* | Il-Viċi-Sindku staqsiet fejn ser jitwaħħlu d-*dustbins*. Is-Sindku spjega li t-talba kienet għal Pjazza u li jekk ma ninqdewx mill-Cleansing Directorate, nipprovduhom aħna u naħsbu min ser inaddafhom. | Hales |
| 07 | 2 | 10 | 06.2.28 | Hales: Festa | Hales informa lill-Kunsill li instabu xi rregolaritajiet dwar il-kiosks tal-festa. Dak il-bejjiegħ tat-toys li abbuża, tilef id-depożitu. Min inqabad jagħmel xi rregolaritajiet, mhux ser jingħata permess li jarma fil-futur. | Hales |
| 07 | 2 | 11 | 06.2.29 | Camilleri: Mirja fi Triq Wied il-Għajn | Hales irraporta li dawn ġew ordnati. | Hales |
| 07 | 2 | 12 | 06.5.1 | Hales: Mogħdija bejn Triq Vendome u Triq l-Għannejja | Hales irraporta li saret talba lil TM sabiex din il-mogħdija ssir pedonali. | Hales |
| 07 | 2 | 13 | 06.9.2 | Viċi-Sindku: *One way* | Il-Viċi-Sindku staqsiet x'ser isir dwar il-one way ta' Triq Wied iz-Ziju. Is-Sindku spjega li l-aħjar li issir *no entry* minn Triq ir-Ramla. | Hales |
| 07 | 2 | 14 | 06.9.5 | Hales: *Reserved Parking* quddiem l-Għassa | Hales irraporta li peress li din it-talba ġiet rifjutata fil-passat, se tkun wieħed mill-punti li se jiġu diskussi ma' TM fil-bidu ta' Awwissu. Fenech staqsiet jekk hux possibli li ssir rampa. Is-Sindku qal li hemm xi problemi minħabba d-djuq tat-triq. | Hales |
| 07 | 2 | 15 | 06.9.6 | Hales: Triq Ħal Bajda - Talba għal *one way* | Hales irraporta li ftit tax-xhur ilu kien sar *traffic management* fi Triq Ħal Bajda u t-toroq tal-madwar, li ma ġiex milqugħ mir-residenti u kellu jitraġġa kollox lura. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 2 | 16 | 06.9.7 | Fenech: Attivitajiet | Fenech irrapurtat li l-attivitajiet saru kollha. Hi rrapurtat li l-mural ġie launched, li saret minn tappijiet riċiklat miġbura mir-residenti tal-lokal, li kienu nvoluti sew kif ukoll, sebbaħna l-ambjent. Il-Kunsill kiseb rekord nazzjonali mill-Malta Records għall-ammont ta' tappijiet li ntużaw. | Fenech |
| 07 | 2 | 17 | 06.9.19 | Agius: Attivitajiet | Agius irrapurtat li l-attivitajiet saru kollha apparti dik tad-19 ta' Lulju. | Agius |
| 07 | 2 | 18 | 06.9.12 | Hales: Qtugħ ta' ħaxix | Tlesta. | Hales |
| 07 | 2 | 19 | 06.9.13 | Hales: Żbir ta' siġar | Tlesta. | |
| 07 | 2 | 20 | 06.9.15 | Caruana: *One way* Triq Santa Marija | Is-Sindku qal li għandna ninsistu ma' TM sabiex tagħti permess lil min għandu problema bil-garaxx. | Hales |
| 07 | 2 | 21 | 06.9.20 | Hales: *Timer* funtana Ġnien l-Għannejja | Sar. | Hales |
| 07 | 2 | 22 | 06.9.21 | Hales: Tindif ta' Ġnien l-Għannejja | Hales informa lill-Kunsill li ġie pprovdut ħaddiem ieħor minflok dak li spiċċa. | Hales |
| 07 | 2 | 23 | 06.9.22 | Agius: Fanal nieqes fi Triq il-Kunċizzjoni | Agius staqsiet dwar il-fanal nieqes fi Triq il-Kunċizzjoni. Is-Sindku spjega li fuq dan il-fanal trid issir biċċa pjanċa maħduma apposta minn Vincent Grixti. | Sindku |
| 07 | 2 | 24 | 06.9.24 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku rrapurtat li l-BBQ fid-19 ta' Lulju sar filwaqt li l-attivitajiet mal-Kunsillier Fenech u Chircop fl-1 u 8 ta' Lulju ġew posposti. | Viċi-Sindku |

**07 3 Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/16. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 3 | 1 | 1 | Planning Authority: PA3630/16 | **Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-PA li, għandu jinżamm il-karatteristika ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 07 | 3 | 2 | 05 | Planning Authority: *Enforcement Notice* Triq id-Dulliegħ | **Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lil PA li din hi art pubblika li tinsab okkupata mingħajr permess.** | Sindku |
| 07 | 3 | 3 | 08 | DGL: Intervisti għal *Casual Clerk* | Is-Segretarju Eżekuttiv irraporta li fl-intervisti li saru nhar il-15 ta' Lulju, ntagħżlet persuna sabiex tokkupa l-post ta' *Casual Clerk* iżda nstabet li ma kienetx adegwata. Għaldaqstant, fit-22 ta' Lulju saru interviews oħra fejn ġie magħżul Stefan Borg. | |
| 07 | 3 | 4 | 13 | Community Foundation: CWSEF | **Wara li ddiskuta l-proposta sabiex l-4 ħaddiema li huma assenjati mal-Kunsill, jingħataw ta' bonus annwali mill-Kunsill, fuq proposta ta' Agius sekondata minn Camilleri, il-Kunsill qabel ma' din it-talba. Il-Kunsill qabel ukoll li jikteb lid-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex din it-talba tkun estiża wkoll għal ħaddiem ta' l-IPSL li hu assenjat mal-Kunsill.** | Sindku |

| | | |
|---|---|---|---|---|
| 07 3 5 | 14 | Awtorita' tad-Djar: Skema Binjiet tal-Gvern | **Il-Kunsill qabel li jerġa' jieħu sehem f'din l-iskema.** | Agius |
| 07 3 6 | 18 | Francesca Fenech: Ħsara fuq vettura | **Il-Kunsill qabel li jħallas lis-Sinj. Fenech l-ispejjeż li għamlet fuq il-vettura tagħha fi Triq Dun Lawrenz Degabriele.** | Sindku |
| 07 3 7 | | Carmelo Borg: Ħsara fuq vettura | **Il-Kunsill qabel li jħallas lis-Sur Borg għall-ispejjeż li ġarrab fuq il-vettura tiegħu.** | Sindku |
| 07 3 8 | | G. Desira: Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qara l-ittra tas-Sinjuri Desira dwar in-nuqqas ta' qbil tagħhom li, Triq Arċipriet Degabriele ssir no entry for heavy vehicles. **Il-Kunsill qabel li japplika ma' TM sabiex isir traffic management fid-dawra fi Triq President A Buttiġieġ k/m Triq Xrobb l-Għaġin.** | Sindku |

**07. 4.** **Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07 4 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 0716 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarju |
| 07 4 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/16 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 06/16 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |
| i | 70 | Ġie innutat li dan il-kont huwa rimborz lill-Kunsillier Joseph Hales u mhux pagament dirett lil Planning Authority. | | |
| ii | 83 & 84 | Kien hemm rakkomandazzjoni mill-Kunsillier inkarigat minn dawn il-Kuntratti li jitnaqqsu 5% ta' kull kuntratt għal dan ix-xahar hekk kif spjegat diġa' lill-Kuntrattur f'emejl dwar in-nuqqasijiet li seħħew min-naħa tiegħu. | | |
| iii | | Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk in-nurses li taw is-servizz tagħhom f'Novembru li għadda, tħallsux. Is-Segretarjat qal li għalkemm sar kuntatt mal-human resources ta' l-infermiera, dawn għandhom ma tħallsux. | | |
| iv | | Il-Kunsillier Hales informa l-Kunsill li r-reklam ta' Engel & Volkers fuq bus shelter f'Misraħ Carlo Diacono inqala minn xi ħadd mhux magħruf. Peress li l-imsemmija kumpanija għamlet ħlas għal dan ir-reklam, **il-Kunsill qabel li jsir reklam ieħor bi spejjeż tal-Kunsill.** | | |
| v | 85 | Il-Kunsill qabel li ma jħallasx għal dan il-kont peress li x-xogħol ma sarx. | | |
| 07 4 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 07/16 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |
| 07 4 4 | | Petty Cash - Ġunju 2016 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Ġunju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €136.08.** | Segretarju |

**07. 5.** **Triq Bir id-Deheb u Triq l-Arċipriet Degabriele**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 5 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku rraporta li x-xogħol fuq il-wiċċ ta' Triq Bir id-Deheb beda. L-istess kuntrattur ser jaħdem Triq l-Arċipriet Degabriele. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07. 5 2 | | | Illum is-Segretarjat kiteb lill-Onor Evarist Bartolo u Joe Mizzi sabiex din it-triq issir qabel tibda l-iskola. | Sindku |

**07. 6. Triq Kanonku de Domenico**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 6. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku irraporta li kollox hemm lest sabiex jibda x-xogħol fuq il-wiċċ ta' Triq Kanonku de Domenico. Il-Perit Abela, min-naħa tal-KSI għamlet ix-xogħol meħtieġ. Jonqos li ssir in-no objection online min-naħa tal-KSI. Is-Sindku spjega li ser isir kuntatt mal-Kuntrattur Silvar Constructions. | |
| 07. 6. 2 | | | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex minflok tibda Triq Dun Spir Grixti. Is-Sindku spjega li hemm l-istess problema. | |

**07. 7 Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07 7 1 | | Tender 01/16: *Provision & Installation of Artificial Turf* | **Din it-tender ġiet aġġudikata online. Kien hemm sottomissjoni waħda, dik ta' 389 Co. Ltd. Il-prezz huwa ta' Eur6,380. Fuq proposta ta' Fenech, issekondata minn Agius, il-Kunsill qabel li t-tender tingħata lil 389 Co. Ltd.** | excl. vat |

**07. 8. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07 8 1 | | Caruana: Ħsara fuq vettura fi Triq Marrubja | Caruana ġab quddiem il-Kunsill każ fejn vettura ġarrbet xi ħsara waqt li kienet għaddejja fi Triq Marrubja. Il-Kunsill iddiskuta l-każ u wasal għall-konklużjoni li Triq Marrubja mhiex triq li tgħaddi b'veloċita' qawwija u għalhekk ma ġġarrabx ħsarat kbar jekk tgħaddi b'galbu. | |
| 07 8 2 | | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ: *Treasure Hunt* | Laura Caruana rrapurtat li ser issir *treasure hunt* fl-10 ta' Awwissu fejn ġew avviċinati 3 entitajiet Skolasajf, Fr Vince u Ċentru Nazju Falzon. Iż-żgħażagħ irnexxielhom igibu xi rigali għal din it-treasure hunt. | Chircop |
| 07 8 3 | | Caruana: Tabella Triq l-Isqof Zahra k/m Triq Sant'Anġlu | Caruana talab spjegazzjoni ta' din it-tabella. Hales spjega li dik hi *warning sign* li tindika li kantuniera 'l isfel ma tistax tikser fuq ix-xellug. | Hales |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 8 | 4 | Caruana: Bandli fi Ġnien iż-Żgħożija | Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-*merry go round* ta' GSM tinsab imwaħħla u hemm xi twapet maqlugħin. Is-Sindku qal li l-*merry go round* u t-twapet għandhom jiġu msewwija u jekk hekk hemm bżonn it-twapet jiżdiedu fil-qies tagħhom. | |
| 07 | 8 | 5 | Caruana: Żebgħa fi Triq Serafin Xuereb k/m Triq Maria Stella Caruana | Caruana talab sabiex issir żebgħa Triq Serafin Xuereb k/m Triq Maria Stella Caruana. | Hales |
| 07 | 8 | 6 | Hales: Traffic Management | Hales ippropona li Triq is-Suq parti minn Triq Maria Stella Caruana u Triq Serafin Xuereb isiru one way f'sistema cirkolari. **Il-Kunsill qabel ma din il-proposta wara li jiġu konsultati r-residenti.** | |
| 07 | 8 | 7 | Camilleri: Korsijiet edukattivi | Camilleri rraporta li l-korsijiet *reading is fun* u *once upon a time* ma sarux filwaqt li bdew il-kumplament tal-korsijiet edukattivi. L-iktar korsijiet ta' suċċess kienu dawk ta' l-Ingliż/Malti/Matematika. Rigward il-korsijiet tal-kompjuter, dawn bdew u applikaw madwar 85/90 student. | Camilleri |
| 07 | 8 | 8 | Camilleri: Ittra Multipackaging | Camilleri staqsa dwar ittra tal-Multipackaging fejn talbu li titkompla l-bankina. Is-Sindku spjega li għandna niktbu l-Gvern Ċentrali dwar dan. Camilleri staqsa wkoll dwar il-kiosk li qed jarma fil-viċinanzi peress li qed jostakola l-viżjoni tal-karozzi li jkunu jridu joħorġu mingħand il-Multipackaging. Hales spjega li kien hemm ftehim sabiex il-kiosk tiċċaqlaq għall-faċċata. | Sindku<br>Hales |
| 07 | 8 | 9 | Camilleri: Ħmieġ tal-ħamiem fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat | Camilleri ġibed l-attenzjoni dwar il-ħmieġ tal-ħamiem. Agius qalet li saret infestazzjoni min-naħa tal-Comtec u s-Sindku qal li jekk ikun possibli tingħalaq il-barumbara. | Sindku |
| 07 | 8 | 10 | Agius: Żbir ta' siġar | Agius irringrazzjat lill-Kunsillier Hales għaż-żbir ta' siġar li sar fi Triq l-Isqof Emm. Galea. | Hales |
| 07 | 8 | 11 | Agius: Attivitajiet tat-tfal | Agius irrapurtat lill-Kunsill l-attivitajiet tat-tfal li huma għaddejjin bħalissa. | Agius |
| 07 | 8 | 12 | Agius: Żejt iż-Żejtun | Agius infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet għal Żejt iż-Żejtun 2016 jinsabu miftuħa. | Sindku<br>Agius |
| 07 | 8 | 13 | Agius: Festa Sajf | Agius infurmat lill-Kunsill li l-attivita Festa Sajf ser issir fil-25 ta' Awwissu. | Agius |
| 07 | 8 | 14 | Viċi-Sindku: rampa f'Misraħ Carlo Diacono | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex issir rampa fejn il-venda tal-karozzi tal-linja f'Misraħ Carlo Diacono. | Sindku |
| 07 | 8 | 15 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku fakkret li rigward l-attivitajiet pubbliċi li jsiru, il-Kunsill għandu dejjem jirreferi u jinforma l-Pulizija, anke jekk dawn ikunu ser isiru fil-ġonna. | Segretarjat |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 8 | 16 | Viċi-Sindku: Majjalata Fondazzjoni Nazareth | Il-Viċi-Sindku rrapurtat li ħadet residenti mid-Dar ta' l-Anzjani li xtaqu jattendu għal din l-attivita li saret fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Viċi-Sindku |
| 07 | 8 | 17 | Viċi-Sindku: Tabelli - Ħinijiet Skolasajf | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex fuq it-tabelli tal-ħinijiet ta' l-iskola jiżdiedu dawk ta' Skolasajf . | Hales |
| 07 | 8 | 18 | Fenech: Attivitajiet | Fenech infurmat lill-Kunsill li ser isiru dawn l-attivitajiet: il-BBQ taħt l-istilel u Ġurnata Kemmuna. | Fenech |
| 07 | 8 | 19 | Fenech: Tabella ħdejn Skatepark | Fenech talbet li ssir tabella li tindika li tfal taħt 12 -il sena għandhom inkunu akkumpanjati mill-ġenituri. | Hales |
| 07 | 8 | 20 | Chircop: Parkeġġ fuq bankini Triq Pres A. Buttiġieġ | Chircop ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill dwar problema ta' parking li qed isir fid-drive-inn tar-residenzi parti mill-karozza tostakola l-bankina. | Segretarjat<br>Hales |
| 07 | 8 | 21 | Chircop: Żbir ta' siġar Ġnien iż-Żgħożija | Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li meta sar żbir ta' siġar fi Ġnien iż-Żgħożija, kien hemm karozzi pparkjati, liema karozzi ma kinux imneħħija, li ġarrbu xi ħsara. Hales spjega li l-kuntrattur huwa responsabbli ta' dan l-aġir. | |
| 07 | 8 | 22 | Chircop: Triq Kastellan | Chircop informa l-Kunsill li qed isir rimi ta' laħam ta' Triq Kastellan. Hales spjega li dan l-aħħar saret tindifa ġenerali ta' din it-triq inkluż parapett privat li jinsab abbandunat. | |
| 07 | 8 | 23 | Hales: Triq Luqa Briffa | Hales qal li fl-4 ta' Lulju 2001 TM kienet approvat sabiex il-parti t'isfel ta' Triq Luqa Briffa tingħalaq għat-traffiku waqt il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ ta' l-iskejjel iżda din qatt ma saret. Il-Kunsill qabel li japplika din l-approvazzjoni. | Hales |
| 07 | 8 | 24 | Hales: Triq Kastellan | Hales informa lill-Kunsill li l-one way ma ntlaqatx tajjeb min-nies. Fit-3 ta' Diċembru 2001 , il-Ministeru ta' l-Infrastruttura kienet approvat li din tingħalq għat-traffiku. Hales ippropona li din terġa' tiġi mplimentata. Wara diskussjoni li saret u diversi proposti, **il-Kunsill iddeċieda li jimplimenta d-deċiżjoni tal-2001**. | |
| 07 | 8 | 25 | Caruana: Sqaq fejn il-kamra tan-nar taż-Żejtun | Caruana talab sabiex isir il-wiċċ ta' l-isqaq tal-kamra tan-nar taż-Żejtun. Is-Sindku spjega li dik il-parti tagħmel ma' Marsaxalokk. | |
| 07 | 8 | 26 | Sindku: Laqgħa Gal Xlokk | Is-Sindku talab lill-Kunsilliera jattendu għal-laqgħa tal-Gal Xlokk li ser issir fis-27 ta' Lulju fl-iskola primarja fis-6pm. | |
| 07 | 8 | 27 | Sindku: Laqgħa tal-Kabinett | Is-Sindku rraporta li fit-12 ta' Lulju 2016 saret laqgħa tal-kabinett flimkien mar-Reġjun tax-Xlokk. Fuq stedina tal-Prim Ministru il-Kunsilli ntalbu jhejju rapport dwar dawk l-affarijiet li l-aktar iddejjqu l-Kunsilli. | |

Is-Sindku qara dan ir-rapport inhejji fejn jitratta l-proġett ta' Misraħ ir-Repubblika li kellu jibda f'Ottubru, il-pjanta proposta għal Triq Bormla, dwar ix-xogħol fuq l-uċuħ ta' toroq Triq A Cachia Zammit, Triq il-Labour. Huwa tkellem ukoll dwar is-sit arekeoloġiku Tas-Silġ u Triq Xrobb l-Għaġin. Huwa ppropona li ssir heritage route li jgħaqqad il-Mixja Rumana. Proġett li jista' jkun finanzjat mill-EU. Huwa tkellem dwar il-pjanti li huma meħtieġa li jsiru għar-ring road. Huwa tkellem dwar it-toroq rurali Triq Wied, Triq Santu Kristu li għandhom jitniżżlu mal-pjan ewropej mill-ġdid. Dan ir-rapport ser jintbagħat għada lill-Prim Ministru, kif mitlub.

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 12 ta' Settembru, 2016 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv